MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 278/2003

**Azzopardi Anthony**

**Vs**

**Cassar Alexander u Josette**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta’ Jannar 2003 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuti ihallsu s-somma ta’ Lm497 (erba` mija u sebgha u disghin Lira Maltin) rapprezentanti valur ta’ materjal u prezz ta’ xoghol ta’ plumbing, elettriku u alterazzjonijiet strutturali ezegwiti mill-attur fil-propjeta` tal-konvenut

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Thallsu s-somma ta’ erba` mija sebgha u disghin lira Maltin (Lm497) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn dan l-Onorabbli Tribunal, rapprezentanti valur ta’ materjal u prezz ta’ xoghol ta’ plumbing, elettriku u alterazzjonijiet

strutturali ezegwiti mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut fil-fond propjeta` taghhom.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja datata 13 ta' Jannar 2003 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi l-ammont pretiz mill-attur m'huwiex dovut stante li l-attur ma ezegwix ix-xoghol skond is-sengha u l-arti kif ukoll peress li l-attur ma spiccax l-inkarigu tieghu;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-partijiet ma ftehmux fuq prezz tax-xoghol ta' plumbing, elettriku u alterazzjonijiet strutturali li kellhom jigu ezegwiti mill-attur;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa eccessiv;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti inkluz ir-relazzjoni peritali.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza si tratta ghal pagament ta' xoghol ta' gebel, elettriku u plumbing da parti tal-attur fir-residenza tal-konvenuti. Il-konvenuti jallegaw li l-istess xoghol ma giex esegwit skond l-arti u s-sengha, kif ukoll li ma espletax l-inkarigu lilu moghti.

Illi ai termini tal-prospett prezentat mill-attur a Fol 19, l-elenku jikkonsisti:-

a) Lm152.95 – Materjal
b) Lm150.00 – Installazzjoni tal-ilma
c) Lm50 – Tieqa ghal bieb
d) Lm100.00 – Hajt / Saqaf

Skond il-perit tekniku, huwa kellu jirrileva s-segwenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| a) | Lm152.95 – Tajjeb | - | Lm152.95 |
| b) | Lm150.00 – Le | - | Lm75.00 |
| c) | L-ebda osservazzjoni | | |
| d) | Lm100.00 – Tajjeb | - | Lm100.00 |

Vera li ma saret l-ebda talba ghal hlas tax-xoghol tad-dawl u ma saret l-ebda lanjanza fuq it-tieqa. Izda sia x-xoghol tal-elettriku u tal-kisi ma sarx skond l-arti u s-sengha. Arbitrio boni viri l-ammont ghandhu jigi ridott b' Lm77.95 (sebgha u sebghin Lira Maltin u hamsa u disghin centezmu). B'hekk l-ammont dovut ghandhu jkun ta' Lm250 (mitejn u hamsin Lira Maltin).

Jiddeciedi billi jilqa` in parte l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa` in parte t-talba attrici b'dan li l-ammont ghandhu jkun ta' Lm250, bl-interessi u spejjes kif mitluba bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------